MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2789/1999/1

**Richard Attard**

***Versus***

**Saviour u Frans Curmi**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-prezz ta' prodotti tal-biedja.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenuti erbat elef tliet mija u tmenin lira (Lm4,380) bi ħlas ta' prodotti tal-biedja li bigħilhom. Il-konvenut Francis Curmi kien ħareġ *cheques* għal tlitt elef lira (Lm3,000) biex iħallas parti mid-dejn, iżda dawn iċ-*cheques* ma setgħux jissarfu u kienu "*referred to drawer*". Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti, ukoll b'ittra uffiċjali, biex iħallsu, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenuti għandhom jagħtuh erbat elef tliet mija u tmenin lira (Lm4,380), tikkundannahom iħallsuh dik is-somma flimkien ma' l-imgħax sa meta jsir il-ħlas u l-

ispejjeż, fosthom dawk ta’ ittra uffiċjali u ta’ mandat ta’ qbid.
L-attur kien talab ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b’dikriet tas-16 ta’ Marzu 2000[1] ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali.
Il-konvenut Saviour Curmi ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. hu ma għandu jagħti xejn lill-attur għax il-ħlas għall-ħxejjex u l-frott li jġib bidwi fil-pitkalija isir b’*vouchers* maħruġa mid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura li jitħallsu direttament minn *APS Bank*;
2. hu qatt ma xtara prodotti tal-biedja mingħand l-attur, u għal kull prodott li daħal fil-pitkalija l-attur tħallas direttament minn *APS Bank* wara li jkunu ġew preżentati l-*vouchers* tal-pitkalija maħruġa mid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura;
3. hu qatt ma għamel negozju dirett ta’ ħxejjex u frott ma’ l-attur u qatt ma ħareġ *cheques* minn tiegħu, li għalhekk qatt ma setgħu kienu *referred to drawer*;
4. l-attur irid iġib il-prova tad-dejn, billi *cheque* li jkun *referred to drawer* ma hux fih innifsu prova ta’ dejn; u
5. is-somma li qiegħed jitlob l-attur f’kull każ hija wisq, għax b’ittra uffiċjali tas-26 ta’ Marzu 1999 kien sejjaħ lill-konvenuti biex iħallsu biss tlitt elef lira (Lm3,000).
Il-konvenut Francis Curmi ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. iċ-ċitazzjoni saret ħażin u ma tiswiex, għax ma fihiex tifsir ċar ta’ l-oġġett u r-raġuni tat-talba kif irid l-art. 156(1)(*a*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għax ma hemmx tifsira dettaljata tal-kreditu, b’tagħrif dwar id-data meta nħoloq id-dejn u fuq liema prodotti;
2. kull dejn li kellu l-eċċipjent illum tħallas minnu stess; u
3. l-attur fetaħ il-kawża *in mala fide* għax meta l-eċċipjent għadda lill-attur numru ta’ *cheques* għal madwar tlitt elef lira (Lm3,000) u dawn ma ssarfux mill-bank, l-eċċipjent ħallas b’*cheques* oħrajn illi ssarrfu, iżda l-attur ma tax lura lill-eċċipjent iċ-*cheques* li ma ssarfux.
Qabel ma nqisu l-meritu tal-kawża tajjeb li nqisu l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Francis Curmi, għax, jekk tintlaqa’

[1] *Foll.* 9 *et seq.*

din l-eċċezzjoni ta' nullità taċ-ċitazzjoni, il-kawża ma tkunx tista' tkompli.

Din l-eċċezzjoni hija mibnija fuq l-artt. 156(1)(*a*) u l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**156.** (1) Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandu jkun fiha -

(*a*) tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba;

… … …

**789.** (1) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata -

(*a*) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;

(*b*) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

(*ċ*) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(*d*) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 789 li jistgħu jgħoddu għall-każ huma dawk fil-paragrafi (*ċ*) u (*d*) tas-sub-artikolu (1).

Tassew illi l-attur, flok fisser sew kif wasal għas-somma minnu mitluba, semma biss somma globali, iżda għal dan in-nuqqas għamel tajjeb b'nota tat-28 ta' Mejju 2001[2] wara li l-qorti b'dikriet tat-3 t'April 2001[3] ordnatlu jfisser aħjar it-talba tiegħu. Tassew ukoll illi dan it-tagħrif kien imissu ngħata flimkien ma' l-atti li bihom infetħet il-kawża, iżda l-konvenuti ma sofrew ebda preġudizzju billi t-tagħrif ingħata tard għax kellhom l-opportunità li jirregolaw ruħhom wara li ngħata. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma għandhiex tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullità.

Ngħaddu issa għall-meritu tal-kawża.

L-attur huwa bidwi, u l-konvenut Saviour Curmi huwa pitkal; il-konvenut l-ieħor Francis Curmi, bin Saviour, jaħdem ma' missieru.

---

[2] *Fol.* 62.

[3] *Fol.* 20.

Il-proċedura normali meta bidwi jieħu prodotti għand il-pitkal hija li, wara li l-prodotti jintiżnu, l-iskrivan tal-pitkalija jagħti lill-bidwi riċevuta jew *delivery note* li tkun ukoll reġistrata fir-*records* tal-pitkalija. Meta l-prodott jinbigħ il-flus jitqiegħdu f'kont li d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura għandu f'*APS Bank*. Kull xahar imbagħad lil kull bidwi jingħata *voucher* skond il-valur tal-prodotti li jirriżulta mir-riċevuti. Il-bidwi mbagħad isarraf il-*voucher* u jitħallas mill-kont tad-dipartiment. Mill-istess kont titħallas ukoll *commission* lill-pitkal.

B'dan is-sistema l-flus igħaddu mid-dipartiment, u flus ma jgħaddux bejn il-pitkal u l-bidwi. Ġieli jiġri, iżda, illi l-pitkal u l-bidwi jagħmlu negozju "barra s-sistema", u l-pitkal iħallas direttament lill-bidwi flok igħaddi l-flus mill-kont tad-dipartiment.

L-attur igħid illi hu ġieli bigħ prodotti lill-konvenuti bla ma dawn il-prodotti għaddew mis-sistema tal-pitkalija, u issa qiegħed jitlob il-ħlas għal prodotti li bigħ lill-konvenuti b'dan il-mod. Il-konvenut Saviour Curmi, iżda, jiċħad li qatt ġara hekk, u jgħid illi n-negozju dejjem sar skond il-proċedura tal-pitkalija.

Mix-xhieda ħareġ illi dawn in-negozji kienu jsiru mhux bejn l-attur u Saviuor Curmi iżda bejn l-attur u Francis Curmi, li kien iħallsu direttament kif jixhdu ċ-*cheques* esebiti fil-proċess[4]. Francis Curmi ma ċaħadx li kien jagħmel dawn in-negozji diretti ma' l-attur u anzi stqarr illi kien joħroġ *delivery notes*[5] hu flok dawk uffiċjali li jinħarġu mill-iskrivani[6]. Ma nġibitx prova li Saviour Curmi wkoll kien ikun involut f'dawn in-negozji barra s-sistema.

Ladarba dan kollu kien isir barra s-sistema, ovvjament ma jirriżulta xejn mir-*records* uffiċjali, u l-qorti ma tistax toqgħod fuq il-kontijiet maħruġa mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura[7]. Billi iżda *scriptura probat contra scribentem*, u Francis Curmi stqarr illi d-*delivery notes* li ma humiex uffiċjali ħariġhom hu, il-qorti tista' toqgħod fuq dawk id-dokumenti biex tgħid illi Francis Curmi għandu jħallas erbat elef mija u disgħa u sebgħin lira u ħamsa u ħamsin

4 *Foll*. 32-37.

5 *Foll*. 22-31.

6 *Fol*. 20.

7 *Fol*. 152.

ċenteżmu (Lm4,179.55) li jirriżultaw minn dawk id-*delivery notes*, u temmen ukoll lill-attur meta dan qal illi kien hemm bejgħ ta' mitejn lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm200.55) oħra li għalih ma nħarġitx *delivery note*. Billi Francis Curmi ma ressaq ebda prova ta' ħlas, fadallu jagħti, b'kollox, erbat elef tliet mija u tmenin lira (Lm4,380).
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Saviour Curmi u tiċħad it-talbiet ta' l-attur safejn magħmula kontra dak il-konvenut; u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Francis Curmi, u tikkundanna lill-istess Francis Curmi jħallas lill-attur erbat elef tliet mija u tmenin lira (Lm4,380) flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.
L-ispejjeż tal-konvenut Saviour Curmi jħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom il-konvenut Francis Curmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------